## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta’ April 2016 – Henkell & Co. Sektkellerei vs EUIPO – Ciacci Piccolomini d’Aragona di Bianchini (PICCOLOMINI)

**(Kawża T-20/15)** [1]

***(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea PICCOLOMINI — Trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea PICCOLO — Assenza ta’ użu ġenwin tat-trade mark — Artikolu 42(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)***

(2016/C 191/34)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Henkell & Co. Sektkellerei KG (Wiesbaden, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Flick, avukat)

*Konvenut:* L Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Kusturovic u A. Folliard-Monguiral, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Ciacci Piccolomini d’Aragona di Bianchini Società Agricola (Milan, l-Italja) (rappreżentanti: F. Cecchi, P. Pozzi u F. Ghisletti Giovanni, avukati)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-31 ta’ Ottubru 2014 (Każ R 2265/2013-1), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Henkell & Co. Sektkellerei KG u Ciacci Piccolomini d’Aragona di Bianchini Società Agricola

### Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Henkell & Co. Sektkellerei KG, hija kkundannata għall-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll għall-ispejjeż sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u minn Ciacci Piccolomini d’Aragona di Bianchini Società Agricola.*

---

([1]) ĠU C 89, 16.03.2015.

---

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta’ April 2016 – Facchinello vs EUIPO – Olimpia Splendid (Synthesis)

**(Kawża T-81/15)** [1]

***[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedura ta’ revoka — Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva Synthesis — Assenza ta’ użu ġenwin tat-trade mark — Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Provi ppreżentati għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali”]***

(2016/C 191/35)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Danila Facchinello (Molinella, l-Italja) (rappreżentant: F. Torlontano, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Capostagno u A. Folliard-Monguiral, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Olimpia Splendid SpA (Gualtieri, l-Italja) (rappreżentanti: A. Ferrarese u G. Ferrarese, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-21 ta' Novembru 2014 (Każ R 2169/2013-1), dwar proċedura ta' revoka bejn Olimpia Splendid SpA u Danila Facchinello.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Danila Facchinello hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 118, 13.4.2015.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' April 2016 – Spirig Pharma vs EUIPO (Daylong)**

**(Kawża T-261/15)** (1)

***[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għal trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea Daylong — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]***

(2016/C 191/36)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Spirig Pharma AG (Egerkingen, l-Iżvizzera) (rappreżentanti: T. de Haan u P. Péters, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Melgar u J. Crespo Carrillo, aġenti)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO, tal-24 ta' Marzu 2015 (Każ R 2455/2014-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv Daylong bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Spirig Pharma AG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 245, 27.7.2015.